Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tal-401 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 27 ta' Ġunju, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

**Item 1 – Attendenza u Apoloġiji**

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sinjuri Joseph Bonnici, Joseph Buttigieg u Anna Calleja. Is-Sur Keith Pisani daħal għal-laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija.

Is-Sinjuri Kevin Plumpton, Mark Grech u Robert Buhagiar kienu skużati.

**Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tal-400 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

**Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti**

Is-Sur Bonnici saħaq dwar il-ħtieġa li jsiru u jibdew jintużaw it-tabelli li juru li x-xogħlijiet ikunu qed isiru mill-Kunsill Lokali.

Dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill biex tiġi rranġata Triq Ħas-Sajjied, is-Sur Buttigieg talab li l-Kunsill jerġa' jikteb lill-GAL biex issir pressjoni dwar din l-applikazzjoni.

Fis-6.35 is-Sur Pisani daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Buttigieg talab li jinżabru s-siġar fi Triq il-Mina ta' Hompesch fl-iqsar żmien. Dan peress illi dawn is-siġar qed ikunu ta' periklu u ta' nkonvenjent.

Dwar il-proġett *Removing Barriers*, is-Sur Pisani qal illi dan il-proġett ma kienx ser isir minħabba l-fatt illi ma kienetx ingħatat risposta għall-informazzjoni li ntalbet mill-Kunsill u minkejja diversi *e-mails* li ntbgħatu, ir-risposta mill-ETC baqgħet ma waslet qatt bil-konsegwenza li d-data tal-għeluq għas-sottomissjonijiet għalqet.

Il-Viċi-Sindku saħaq dwar l-importanza li t-*traffic lights* fi Triq Hompesch isiru fl-iqsar żmien.

**<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati</u>**

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

**<u>Item 5 – Korrispondenza</u>**

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Alison Agius fejn infurmat lill-Kunsill li ma kienetx ser tidħol lura għax-xogħol wara li jintemmilha l-*career break* peress illi ġiet assenjata l-kariga ta' *Learning Support Assistant* mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Is-Sinjura Agius fl-ittra tagħha sostniet illi skont il-PSMC 2011 hi tista' taħdem is-sitt xhur li trid taħdem wara li ħadet il-*leave* tal-maternità u li għandha l-intenzjoni li tagħmel hekk. Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li jieħu parir dwar dak li qed titlob is-Sinjura Agius biex jiġi stabbilit jekk dan jistax isir minn impjegata ta' Kunsill Lokali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Scicluna dwar il-ħtieġa ta' *speed camera* fi Triq Wied il-Għajn minħabba nċidenti li qed ikun hemm kontinwament f'din it-triq. Is-Sindku qal li fil-5 ta' Lulju li ġej ser issir laqgħa bejn il-Kunsill, rappreżentant tar-residenti u s-Sur Josie Brincat il-konsulent ma' Transport Malta biex tiġi diskussa s-sitwazzjoni inkwetanti li qed hemm f'din it-triq minħabba l-abboz li qed ikun hemm fis-sewqan.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Soċjeta tad-Duttrina Nisranija li rringrazzja lill-Kunsill għall-fatt li l-kumpanija Green Pak ipprovdithom bil-*bins* għal skart riċiklabbli.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn residenta fi Triq iċ-Ċimiterju dwar sewqan eċċessiv li qed ikun hemm fit-triq. Is-Sindku qal li kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill ser jieħu miżuri biex jipprova jrażżan dan l-abbuż.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Joe Attard Kap Eżekuttiv tal-Green MT li talab biex jiltaqa' mal-Kunsill biex jagħmel preżentazzjoni viżiva dwar dak li tista' toffri l-Green MT jekk il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar jingħaqad mal-iskema.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-korsijiet ta' Life Long Learning għas-sena 2013/2014. Is-Sur Pisani offra li fl-assenza tas-Sur Robert Buhagiar jieħu ħsieb li japplika biex il-Kunsill jipparteċipa f'dawn il-korsijiet u peress illi l-applikazzjonijiet ser jagħlqu fi ftit tal-jiem oħra.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar laqgħa ta' konsultazzjoni fuq l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ipparkkjar li ser issir nhar il-Ħamis, 21 ta' Ġunju, 2012.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn NASOM lill-*case officer* tal-MEPA dwar l-operat tal-funderija Hompesch Steel u l-inkonvenjent ta' ħsejjes li qed jiġu kkawżati minn din il-funderija.

Inqrat korrispondenza mill-Comune di Villabate kif ukoll mis-Sur Diego Puleo dwar l-elezzjonijiet lokali li saru f'Villabate u kif ukoll dwar ir-relazzjoni bejn iż-żewġ Kunsilli.

**Item 6 – Xogħol tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 31 ta' Mejju, 2012 sas-27 ta' Ġunju, 2012 li kien jammonta għal €129.143. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Segretarju Eżekuttiv kien kitiblu biex jinfurmah illi peress li mit-2 ta' Lulju, 2012 ser ikollu joħroġ fuq *vacation leave* għall-perjodu ta' żmien, qed jitlob lill-Kunsill jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv biex fl-assenza tiegħu ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet u d-dmirijiet ta' Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lill-*Assistant Principal Officer* is-Sinjura Isabelle Testaferrata De Noto għal din il-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-Uffiċjal Eżekuttiv is-Sinjorina Sharon Camenzuli fil-15 ta' Lulju li ġej imissa l-*increment*. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegata tingħata dan l-*increment*.

Il-Viċi-Sindku tkellem dwar l-attività Lejla fil-Belt Hompesch u qal li peress illi biex setgħet issir l-attività, il-Kunsill kellu jidħol għal spejjeż li ma kienux previsti fosthom ħlas ta' €981.09 lill-pulizija kif ukoll għall-pubbliċità qed jitlob li l-Kunsill jalloka €6,000 biex ikopri l-ispejjeż kolllha għal din l-attività. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jalloka l-ammont ta' €6,000 għall-ispejjeż ta' din l-attività.

Fit-7.45 is-Sur Bonnici talab li jkun skużat u rtira mil-laqgħa biex ma jieħux sehem fl-aġġudikazzjoni tal-offerti għal xiri ta' *server* minħabba peress illi ibnu kien impjegat ma' wieħed mill-offerenti. Wara li s-Sur Bonnici rtira mil-laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-kwotazzjonijiet li ġew mitfugħa wara sejħa pubblika għall-provista ta' *server*. L-offerti mitfugħa kienu mingħand Merlin computers għall-prezz ta' €2,460,30, Tekraco Limited għall-prezz ta' €3,110,98, Klikk Corporate għall-prezz ta' €3,010 (eskluż il-VAT) u l-offerta mingħand 6 PM għall-prezz ta' €3,331 (Option 1) u €2,492 (Option 2). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-offerta mingħand Merlin Computers li kienet l-aktar offerta vantaġġjuża.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Kevin Plumpton naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li sar fl-aħħar sitt xhur (7 ta' Diċembru 2011 sat-30 ta' Mejju 2012). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tas-Sur Plumpton kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob lill-Ministru biex il-post ta-Sur Plumpton m'għandux jiġi dikjarat vakanti.

**<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>**

Il-Viċi-Sindku talab li jitneħħew iz-zkuk ta' siġar bix-xewk li hemm fuq il-bankina fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

Is-Sur Pisani qal li l-attività 'Taħbit fl-Għabex' ser issir nhar is-Sibt, 29 ta' Lulju, 2012 u qed jipporponi li għal din l-attività tipparteċipa l-*Band Dry Connection* b'kunċert ta' siegħa u kwart għall-prezz ta' €300. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sinjura Calleja rreferiet għall-attività li ssir ta' wiri ta' films mis-Sotto Kumitat Kultura u staqsiet b'liema mod jiġi mistieden il-pubbliku għal din l-attività. Is-Sur Pace qal li minħabba l-limitazzjoni ta' spazju jinħareġ invit lil dawk il-persuni li normalment jattendu iżda jekk hemm xi persuni li wrew ix-xewqa li jibdew jattendu għal dawn l-attivitajiet, jintbgħat invit lilhom ukoll.

Is-Sinjura Calleja talbet biex isiru sinjali u marki tat-traffiku fi Triq iż-Żagħrun u qalet ukoll li xi residenti qed jitolbu li ssir *road hump* fit-triq.

Is-Sur Buttigieg talab li tiġi rranġata t-tappiera quddiem ir-residenza numru 205 fi Triq is-Santwarju peress illi din qiegħda tkun ta' nkonvenjent.

Is-Sur Buttigieg talab ukoll li jiġu miżbura s-siġar ta' Triq il-Mina ta' Hompesch kif ukoll li titnaddaf il-funtana tal-Monument tal-Gwerra.

Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi spustjata t-tabella tal-konfini tal-Kunsill Lokali Birgu li tinsab madwar il-mina ta' Bieb is-Sultan fil-parti ta' Ħaż-Żabbar.

Huwa talab ukoll li jinżebgħu mill-ġdid iż-*zebra crossing* ta' Bajada, i-*hatching lines* ta' Triq tal-Labour u ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, kif ukoll li jsiru xi sinjali oħra biex ma jsirx ipparkjar ta' vetturi fil-kantuniera ta' Triq Bajada ma' Triq tal-Labour.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li jitwaħħlu *dustbins* fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Bonnici qal ukoll li kien informa lil Green Pak biex tiġi spustjata l-*bring-in-site* li hemm fil-konfini ta' Ħaż-Żabbar fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sur Bonnici talab li tinkiteb ittra uffiċjali biex dawn jitneħħew u fin-nuqqas, il-Kunsill jieħu l-passi kollha li jidhirlu biex din il-*bring-in-site* li qed iġġib ħafna skart madwaru titneħħa u titpoġġa f'post ieħor fil-konfini tal-Kunsill Lokali Fgura.

Is-Sur Bonnici staqsa lis-Sur Pisani bħala Editur tal-pubblikazzjoni Città Hompesch jekk il-ħarġa li jmiss hix ser tinħareġ fil-ġranet li ġejjin. Dan peress illi l-aħħar ħarġa ta' din il-pubblikazzjoni ilha aktar minn sena li ġiet ippubblikata, xi ħaġa li qatt ma ġrat qabel. Is-Sur Pisani qal li l-pubblikazzjoni kienet ser tinħareġ fi żmien qasir.

Dwar il-ħaddiema tal-kumpanija IPSL, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, qabel unanimament li joħroġ stqarrija pubblika dwar il-fatt li l-Kunsill suppost għandu tliet ħaddiema assenjati miegħu u mhux wieħed. Dan skont il-kuntratt li kien ġie ffirmat bejn il-kumpanija IPSL u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'konsultazzjoni ma' kull Kunsill.

Is-Sindku reġa' semma l-ħtieġa li tiġi approvata t-talba tal-Kunsill biex issir *road hump* fi Triq Patri Taddew Schembri. Huwa talab ukoll li l-Kunsill jikteb lil Transport Malta biex jitneħħew il-marki ta' *no parking* li saru fit-triq mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill.

Is-Sur Pace talab li jitneħħa ramel li hemm fi Triq Ħas-Sajjied u li qed ikun ta' nkonvenjent.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-402 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 1 ta' Awwissu, 2012.

Domenic Agius
Sindku